MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1151/2003

***Alfred u Maria konjugi Attard***

**vs**

***Giuseppe Cassar, u b'digret tat-Tribunal moghti nhar is-***
***17 ta' Marzu 2010 l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet Felicita' sive Licia Cassar, Carmen mart Philip Birmingham, Margaret mart John Baldacchino, Maria Concetta mart Christopher Camileri, Raymond u Josette Cassar bhala eredi***
***tad-defunt Giuseppe Cassar li miet fil-mori ta' din il-kawza***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sittax il-Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm916.95c) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn mija u hamsa u tletin Ewro u tnejn u disghin

centezmu (€2,135.92c), rapprezentanti danni sofferti fil-vettura proprjeta' taghhom numru ta' registrazzjoni ***JAM 585*** konsegwenza ta' incident stradali li sehh fl-4 ta' Lulju, 2002 f'Hal Tarxien u li tieghu hu unikament responsabbli l-konvenut stante li saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ***GMY 131*** b'negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident *de quo agitur* sehh b'tort tal-attur Alfred Mallia u mhux tal-eccipjenti. Illi f'kull kaz id-danni reklamati huma eccessivi u ezagerati. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda, u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi fl-4 ta' Lulju 2002, waqt illli l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ***JAM 585*** fi Triq Dejma, Hal Tarxien, sehhet kollizjoni ma' vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ***GMY 131***. Jidher illi tali incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenut qasmet minn Triq Santa Marija ghal gewwa Triq iz-Zejtun.

Illi l-attur xehed illi kien ghaddej fi Triq id-Dejma sejjer fid-direzzjoni tal-Knisja ta' Hal Tarxien. Illi l-istess attur xehed illi kien qed isuq b'velocita' ta' madwar hamsin kilometru fis-siegha. Hu qal li ra l-vettura l-ohra gejja minn quddiem il-Bank HSBC. Skond l-istess attur, f'April 2004 kien hemm *stop sign* f'tarf it-triq minn fejn kien gej il-konvenut. Jghid ukoll illi dakinhar tal-incident kien hemm ukoll *stop sign*, izda ma tantx kienet tidher, filwaqt illi fit-triq minn fejn kien ghaddej l-attur, ma kien hemm ebda sinjal tat-traffiku.

L-istess attur qabel mal-posizzjoni tal-vetturi wara li sehh l-incident kif gew indikati fl-iskizz. Skond l-attur, il-konvenut seta' jarah gej. Hu jkompli jghid illi sab lill-

konvenut ma' wiccu, u dan fis-sens illi hasdu. Jghid ukoll illi kien hemm vetturi ohra pparkeggjati wara l-vettura li giet immarkata bhala parkeggjata fl-iskizz. Mitlub jindika fejn fl-iskizz hemm indikata l-*stop sign* hdejn l-HSBC, jghid li din ftit li xejn kienet tidher, u ma jistax jghid ghalfejn din ma gietx indikata fl-iskizz. L-attur ikkonferma wkoll illi zamm il-brake meta ra lill-konvenut, madanakollu jichad li halla *brake marks* ta' hmistax il-metru.

Illi mid-deposizzjoni ta' PS 1328 Jesmond Borg, u cioe' is-Surgent li mar fuq il-post sabiex ihejji r-rapport u l-iskizz wara li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, irrizulta illi saru xi annotamenti u ziedet fuq l-iskizz li gie pprezentat mill-attur, u li jinsab *a fol.* 18, u li fil-fatt dak imhejji minnu huwa dak li kopja tieghu tinsab *a fol.* 35. Illi ghalhekk irrizulta illi dak ipprezentat mill-attur (*a fol.* 18) zdiedu fuqu xi dettalji li ma jirrizultawx mill-iskizz originali imhejji mis-Surgent imsemmi.

Illi l-istess Surgent, mistoqsi jekk jafx li kien hemm *stop sign* vicin il-bus stop, jghid li ma jidhirlux li hemm tali sinjal, ghalkemm ma eskludix illi seta' kien hemm stop sign aktar 'l fuq fit-triq. Jghid ukoll illi l-vettura pparkeggjata li tidher fl-iskizz *a fol.* 18, ma ghamilhiex hu. Madanakollu, jghid li l-partijiet indikawlu li kien hemm vettura parkeggjata, pero' din ma kienitx ghadha hemm meta wasal hu fuq il-post. Jghid illi ma jiftakarx li kien hemm ebda sinjal tat-traffiku meta hejja r-rapport. B'referenza ghall-*brake marks*, jghid li dawn ha l-kejl taghhom hu personalment.

Illi mid-deposizzjoni moghtija minn Paul Farrugia, Sindku ta' Hal Tarxien, irrizulta illi l-ittra datata 1 ta' Ottubru 2004 (*a fol.* 46) hejjija hu fuq talba tal-attur. Iddikjara li fiz-zmien li fih sehh l-incident, kien hemm stop sign f'tarf St. Mary Street fejn tiltaqa' ma' Triq Dejma. Illi oltre dan, iddikjara wkoll illi fiz-zmien meta sehh l-incident, Triq Dejma kienet ghadha *two way*, izda imbaghad din giet maqluba ghal *one way*.

Ikkunsidra:

Illi ghalkemm il-konvenut ma xehedx f’dawn il-proceduri, mill-iskizz imhejji mis-Surgent jidher illi l-istess konvenut kien gej minn Triq Santa Marija, u kien ser jaqsam Triq Dejma sabiex jidhol fi Triq Zejtun; illi dan l-istat ta’ fatt huwa konfermat mill-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif tirrizulta mill-istess skizz, illi wara l-habta, waqfet fil-bidu ta’ Triq Zejtun. Illi inoltre, hija indikattiva wkoll il-hsara li rrizultat fil-vettura misjuqa mill-konvenut b’segwitu ta’ dan l-incident, stante illi tali hsara tinsab fil-parti ta’ quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-istess vettura.

Illi ghalkemm mill-istess skizz ma jirrizultax l-i*spot of impact*, madanakollu, jidher illi l-vettura tal-attur waqfet mal-habta, u ghalhekk il-kollizjoni jidher illi sehhet fin-nofs ta’ Triq Dejma, u cioe’ fit-triq minn fejn kien ghaddej l-attur.

Illi mill-iskizz imhejji mis-Surgent ma jirrizultax jekk wahda jew ohra mit-toroq li minnhom kienu ghaddejjin il-partijiet, hijiex triq principali jew triq sekondarja, u lanqas ma gew indikati mill-istess Surgent ebda sinjali tat-traffiku li seta’ kien hemm f’din il-lokalita’ specifika dakinhar tal-incident. Madanakollu, fid-deposizzjoni moghtija mis-Sindku ta’ Hal Tarxien iddikjara illi fit-tarf ta’ Triq Santa Marija, fejn din tiltaqa’ ma’ Triq Dejma, kien hemm *stop sign*.  Illi mill-pjanta, ossia skizz, ezebita mill-istess Sindku (*a fol.* 48), ma jirrizultax illi kien hemm *stop sign* fit-tarf tat-triq imsemmija, izda biss sinjal ta’ *give way.*

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba l-konvenut, li jidher li kien gej minn Triq Santa Marija, kellu jaqsam Triq Dejma sabiex jipprocedi ghal Triq Zejtun, allura kellu jaghti l-precedenza lil min kien ghaddej fi Triq Dejma sabiex jilhaq jghaddi, qabel ma jaqsam ghal gewwa Triq Zejtun.  Illi huwa evidenti illi l-istess konvenut naqas milli jaghmel dan, u kien minhabba f’hekk illi sehh l-incident awtomobilistiku mertu ta’ din il-kawza.  Illi mill-hsara li rrizultat fil-vetturi tal-partijiet, u cioe’ l-fatt illi l-hsara fiz-zewg vetturi tinsab principalment fil-parti ta’ quddiem taghhom, tindika wkoll illi meta sehh l-impatt, il-konvenut kien ghadu kif qed jintrometti ruhu fil-karreggjata tal-attur,

u fil-fatt ostakola lill-attur, li kien sejjer fid-dritt, bil-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu.

Illi fid-dawl ta' tali fatti, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza.

Illi b'referenza ghad-danni reklamati mill-istess atturi, u liema talba ghall-hlas hija sostanzjata bir-ricevuti relattivi (*a fol.* 17 u 22), it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali talba hija gustifikata u sodisfacentement ipprovata, u ghalkemm il-konvenuti ecceppew illi tali danni huma eccessivi u esagerati, tali eccezzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sittax il-Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm 916.95c) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn mija u hamsa u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,135.92c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------